MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Numru 409/2008

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Justin Camilleri**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Justin Camilleri ta' 23 sena imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Dicembru 1984 bin Francis u Mary nee' Azzopardi residenti gewwa 'Conncik' Triq L. Mifsud Tommasi, Zebbug u detentur ta' karta tal-identita' numru 50885 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-jiem ta’ Dicembru 2007 sa Marzu tas-sena 2008 f’ diversi granet u dati differenti gewwa diversi bnadi ta’ Malta biex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, jew ta’ organizazzjoni, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija/firma falza, jew ta taghrif falz, billi holoq pattijiet jew dispozizzjonijiet foloz fuq dokumenti tal-Agenzija Support tal-Imtarfa ai terminu tal-Artikoli 18,183,184,185,186,187 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess lok, dati, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi b’ diversi atti maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda b’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann jew wera haga b’ ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezisistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ mezz iehor bi hsara ta’ l-Agenzija Support u Marxomp Ltd (PC Zone) u dan ai terminu tal-Artikoli 18 u 308 u 309 tal-Kapitolu . 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Mejju 2008 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 3 tal-process), l-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri hafna tal-proceduri u l-fatt li l-imputat hallas l-ammont kollu indikat fic-citazzjoni lil Agenzija Support qabel ma infatti gie investigat il-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18, 183, 184, 185, 186, 187, 188, 308, 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------